## 17 ta' Frar, 1955

### Imħallef:
### Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Balzan *versus* Paolo Attard et.

## Danni — Appalt — Ħaddiem — "Alea" — "Culpa in Eligendo" — "Culpa Laevissima" — Każ Fortuwitu — Art. 1712 tal-Kodiċi Ċivili.

*Fost id-diversi kriterji li jiddistingwu l-appaltatur minn sempliċi ħaddiem jipprimeġġja, u huwa l-aktar żgur, dak magħruf fid-duttrina bħala l-kriterju "del lavoro indipendente"; kif hu kriterju distintiv tal-appaltatur d-direzzjoni tax-xogħol f'min ikun indaħal li jagħmlu. B'mod li min ikun inkarikat jagħmel xogħol, u jkollu d-direzzjoni ta' dak ix-xogħol u ċerta indipendenza relattiva mill-kommittent, għandu jiġi kunsidrat bħala veru appaltatur.*

*Xejn ma jiswa li dak li jkun hekk inkarikat ikun imħallas b'tant kuljum; għax il-liġi ma tispeċifikax f'hiex għandu jikkonsisti l-ħlas tal-appaltatur, u wisq anqas kif għandu jkun dan il-ħlas.*

*Lanqas jiswa l-fatt li fix-xogħol ma jkunx hemm riskju ("alea") għal min jindaħal għalih; għax din mhix element essenzjali għall-kuntratt tal-appalt bħal ma hi għall-kuntratti hekk imsejħin "aleatorji" enumerati mill-liġi.*

*U l-fatt li l-kommittent fil-kors tax-xogħol jagħti l-assistenza tiegħu lill-inkarikat ma jeżentax lill-appaltatur mir-responsabbiltà tiegħu. Barra jekk il-kommittent ikun "in culpa" fl-għażla ta' l-appaltatur, huwa responsabbli flimkien mal-appaltatur għad-danni li jissuċċiedu fl-eżekuzzjoni tax-xogħol.*

*Hu veru li fl-istat tal-liġi viġenti, kif interpretata mill-ġurisprudenza, il-figura tal-"culpa laevissima" derivanti mill-Lex Aquilia mhix aktar ammissibbli, u li l-lum il-"culpa laevissima" hija ekwiparata għall-każ fortuwitu; imma dan il-prinċipju ma japplikax meta r-responsabbiltà tkun bażata fuq "colpa lieve".*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress illi l-attur sofra offiżi fuq il-persuna li kkaġunawlu danni, minħabba negligenza u imperizja fix-xogħol da parti tal-konvenut fil-waqt li l-attur kien impjegat miegħu; u peress

li l-imsemmija offiżi ġiebu danni li jammontaw għal iżjed minn £10, u l-konvenut, interpellat bonarjament għall-likwidazzjoni u pagament tal-fuq imsemmija danni, ma wieġibx; talab li l-konvenut jiġi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi biex jillikwidaw dawn id-danni, li jħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bħala kumpens għad-danni fuq imsemmija, sofferti mill-attur minħabba negliġenza u imperizja fix-xogħol da parti tal-konvenut fil-waqt li l-attur kien impjegat miegħu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi, jekk l-attur sofra xi danni, l-eċċipjent mhux responsabbli għaliex l-istess eċċipjent ma ħax l-appalt tax-xogħol, imma kien sempliċi impjegat bil-ġurnata ma' sid il-post Giuseppe Schembri, bħal ma kien l-attur; u għalhekk hemm lok tal-kjamata fil-kawża ta' dan l-aħħar imsemmi;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess Giuseppe Schembri, li biha irrileva illi huwa ma jistax ikun responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, peress li ma kellu ebda relazzjoni miegħu; u li huwa qabbad lill-konvenut Attard bil-gurnata biex jagħmillu xogħol ta' konkos, u l-unika responsabilità li kellu kienet li jħallas il-kost tal-materjal u lill-konvenut Attard, li ħa l-appalt;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali assistit mill-perit tekniku, ikkonkluda (a) illi l-attur sofra danni meta kien impjegat mal-konvenut Attard fuq xogħol li kien qiegħed isir fl-interess ta' l-imsejjaħ fil-kawża Giuseppe Schembri; (b) illi dana Schembri huwa responsabbli għal dawn id-danni, għax kien "in culpa" fl-għażla tal-konvenut Attard, li ġie minnu inkarikat biex jieħu ħsieb ix-xogħol ta' tibdil ta' xoroq u tal-għoti ta' konkos, u għax naqas li jinkarika perit biex jieħu ħsieb id-direzzjoni ta' l-istess xogħol; (c) illi l-konvenut Attard hu responsabbli lejn l-attur "ex quasi delicto" u "ex contractu"; (d) illi l-attur ma kkontribwixxa bl-ebda mod għad-danni minnu sofferti; (e) illi l-attur sofra £13.15.4 danni,

kwantu għal £1.14.0 danni emerġenti, u l-bqija lukri ċessanti (salv li dan l-ammont jista' jiżdied sa £14.7.4 kemm il-darba l-attur jipprova li fil-fatt hu ħallas għat-tisqija tar-raba' tiegħu l-bilanċ ta' 12s. li kellu jagħti); (f) illi l-attur jista' jiltob dawn id-danni mingħand min irid miż-żewġ danneġġjanti, u dawn, fir-relazzjonijiet ta' bejniethom, isofruhom bin-nofs;

Illi l-konvenut Attard ikkontesta dawn il-konklużjonijiet, għaliex qal li huwa ma kienx l-appaltatur fix-xogħol, u kien sempliċi impjegat tas-sid Giuseppe Schembri, bħal ma kien l-attur. Mill-provi, però, irriżulta li x-xogħol ħadu f'idejh il-konvenut, u kien jiddiriġieħ huwa. Kien hu, difatti. li għażel il-ħaddiema, kompriż l-attur; kien iħallashom huwa; kien hu li qal lis-sid biex jaħseb għall-materjali li kienu meħtieġa għax-xogħol li kellu jsir; kien hu li ħaseb għall-armar; u kellu jammetti, fix-xhieda tiegħu (fol. 39), illi l-lant kien qiegħed imexxiħ hu. Veru li fl-eżekuzzjoni tax-xogħol is-sid kien jgħinu u jikkontrollaħ; iżda jidher mill-provi li l-imgħallem kien il-konvenut, u kien isir dak li jgħid hu. Issa, fil-fehma tal-Qorti, fost id-diversi kriterji li jiddistingwu l-appaltatur minn sempliċi ħaddiem jipprimeġġja, u huwa l-aktar żgur, dak magħruf fil-dottrina bħala l-kriterju "del lavoro indipendente". Jgħid Tommaso Bruno: "Se l'opera fosse determinata, ma il locatore dovesse, per eseguirla, ubbidire supinamente ai dettami del conduttore, la determinazione servirebbe soltanto come modo di determinazione del tempo o della durata del contratto. Occorre perciò l'elemento della indipendenza, se non assoluta, almeno relativa, in quanto il conduttore non possa del tutto sopprimere la volontà del locatore, ma sorvegliarla perche' non trasmodi oltre i limiti del contratto" (Digesto Italiano, Locazione, § 238);

F'dan is-sens huwa wkoll l-insenjament tal-Baudry, li jindika bħala kriterju distintiv ta' l-appalt id-direzzjoni tax-xogħol f'min ikun inkarikat li jagħmlu (Contratto di Locazione, Vol. II, parte II, § 3865);

Għalhekk, il-fatt li l-kommittent, fil-kors tax-xogħol,

jagħti l-assistenza tiegħu, ma jeżonerax lill-appaltatur mir-responsabilità tiegħu (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. It., art. 1627, 9403). Issa, kif ġie fuq rilevat, id-direzzjoni tax-xogħol kienet fil-konvenut Attard, li kellu wkoll ċerta indipendenza relattiva mis-sid fl-eżekuzzjoni ta' dak ix-xogħol; b'mod li legalment hu għandu jiġi kunsidrat bħala veru appaltatur;

Illi xejn ma jiswa illi l-ħlas tiegħu kien ta' 15s. jew 16s. kuljum; għaliex il-liġi fid-definizzjoni li tagħti (u li tikkomprendi anki l-appalt) fl-art. 1712 (Kod. Ċiv.), ma tispeċifikax x'nix għandu jikkonsisti l-"ħlas", u wisq anqas kif għandu jkun dan il-ħlas;

*Illi lanqas jiswa. kif jippretendi* l-konvenut, illi fix-xogħol in kwistjoni ma kienx hemm riskju ("alea") għall-istess konvenut; għaliex dana mhux element essenzjali għall-kuntratt ta' l-appalt, bħal ma hu għall-kuntratti hekk imsejħin "aleatorji", enumerati mill-liġi;

Illi l-konvenut, fin-nota tiegħu (fol. 75), irrileva illi fl-istat tal-liġi *viġenti, kif interpretat* mill-ġurisprudenza, il-figura tal-"culpa laevissima" derivanti mill-Lex Aquilia mhix aktar ammissibbli. Dana, bħala regola, huwa veru (ara art. 1075 u 1175 tal-Kodiċi Ċivili), u l-lum il-"culpa laevissima" hija ekwiparata għall-kaz fortuwitu (Kollez. IX, 672). Iżda dan jingħad in linea ta' prinċipju, għaliex il-perit ibbaża r-*responsabilità tal-ħsara* fuq il-kolpa "lieve" (ara fol. 59);

Illi dwar il-likwidazzjoni tad-danni ma saret ebda kontestazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni, safejn kompatibbli, tal-konklużjonijiet peritali;

Tilqa' *t-talba ta' l-attur*, billi tikkundanna lill-konvenut Attard u lill-imsejjaħ fil-kawża Schembri iħallsu lill-attur (£13.15.4) a saldu tad-danni reklamati; bl-ispejjeż; b'dan li, fir-rapporti interni, tant is-sorti kemm l-ispejjeż jitħallsu nofs mill-konvenut Attard u nofs mill-imsejjaħ fil-kawża Schembri; u b'dan ukoll illi l-ispejjeż tas-seduta tal-5 ta' *Mejju u ta' l-ewwel ta'* Ġunju, 1953 jibqgħu għall-attur, u dawk tas-seduta tat-18 ta' Novembru, 1953, għall-konvenut Attard biss.